MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 873/2010

**Mobisle Communications Limited
C24655**

**vs**

**Vanessa Cutajar
I.D. 228479 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ mija u wiehed u tmenin Ewro u hamsin Ewro centezmu (€181.50), liema somma tipprezenta bilanc ta’ prezz mill-istess konvenuta lil ***Mobisle Communications Limited*** in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 419797 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru

pprrezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa giet ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ mija u wiehed u tmenin Ewro u hamsin Ewro centezmu (€181.50), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------